MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 717/2012

**Newtech Limited**

**vs**

**IVS Multimedia S.R.L.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-17 ta' Lulju 2012 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta rikorrenti tiggestixxi negozju bhala 'software distribution company' li tbiegh il-licenzji ta' software ta' kumpaniji stabbiliti internazzjonali, fosthom tad-ditta Microsoft - u dana peress illi hija distributur awtorizzat tal-istess ditta ta' software;

2. Illi fil-15 ta' Marzu, 2012 is-socjeta rikorrenti bieghet total ta' elf u names mitt (1,500) licenzja u prodotti tas-software tal-marka Microsoft Windows lis-socjeta intimata,

illi hija socjeta irregistrata fl-Italja minn fejn topera - u dana fuq ordni tal-istess socjeta intimata, li rceviet il-konsenja ta' dawn il-licenzji u software; b'valur ta' mija u tnejn u sebghin elf u ghoxrin Dollari Amerikani ($172,020.00) - hekk kif jirrizulta mill-fattura annessa u mmarkata bhala Dok. NT.1;

3. Illi fis-17 ta' April, 2012 is-socjeta intimata naqqset l-ordni b'sittin (60) minn dawn il-licenzji, u kwindi inghatat rifuzjoni tal-valur ta' sitt elef mitejn u hames Dollari Amerikani u tmenin centezmu ($6,205.80) - hekk kif jirriiulta mill-credit note annessa u mmarkata bhala Dok. NT.2;

4. Illi dan ifisser illi l-bilanc dovut mis-socjeta intimata ghax-xiri ta' dawn il-licenzji u prodotti jammonta glial mija u hamsa u sittin elf, tmien mija u erbatax-il Dollaru Amerikan u ghoxrin centezmu ($165,814.20) illum ekwivalenti ghal mija u sitta u tletin elf u sitta u ghoxrin euro u tlieta u ghoxrin eurocentezmu (€136,026.23), liema somma ghadha sal-lum ma thallsitx mis-socjeta intimata;

5. Illi minkejja diversi interpellanzi, kif ukoll interpellanza permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Gunju, 2012 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. NT.3), is-socjeta intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk qieghdin jigu stitwiti l-proceduri odjerni;

6. Illi fil-fehma tal-esponenti, dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta intimata m'gliandha l-ebda eccezzjoni x'taghti f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikkjara li s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' mija u hamsa u sittin elf, tmien mija u erbatax-il Dollaru Amerikan u ghoxrin centezmu ($165,814.20) illum ekwivalenti ghal mija u sitta u tletin elf

u sitta u ghoxrin euro u tlieta u ghoxrin eurocentezmu (€136,026.23);

3. Tordna lill-istess socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti din l-istess somma msemmija;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-15 ta' Marzu, 2012 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata illi hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fis-7 ta' Jannar 2013 pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2013;

Semghet ix-xhieda ta' J.J. Miceli Demajo, rapprezentant tas-socjeta attrici li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont kif mitlub mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut u u ma thallas ebda parti minnu;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza u dan ai termini tal-verbal tal-Qorti tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2013.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u hamsa u sittin elf, tmien mija u erbatax-il Dollaru Amerikan u ghoxrin centezmu ($165,814.20) illum ekwivalenti ghal mija u sitta u tletin elf u sitta u ghoxrin euro u tlieta u ghoxrin eurocentezmu (€136,026.23), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament effettiv. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lis-socjeta konvenuta bl-istess

procedura li giet notifikata s-socjeta konvenuta bl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------